# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2119

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2730/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Lawrence Mangion (205581M)**

**vs**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing Limited (C 24137)**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 10 ta' Jannar 2012

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrent Lawrence Mangion ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-11 ta' Novembru 2009, u ffirmata mill-avukat Joanne Vella Cuschieri.

DIKJARAZZJONIJIET

Fid-Dikjarazzjoni tieghu, Lawrence Mangion jghid li huwa kien impjegat mal-kumpanija intimata ghal madwar sena u nofs fuq kuntratt indefinit, originarjament bhal sales representative u imbaghad bhala delivery man; li fil-21 t'Ottubru 2009 id-Direttur Franco Busuttil ordnalu lilu u lid-delivery men l-ohra biex jaghmlu xoghol ta' pickers ukoll, u cioe` li jgib ix-xoghol li jkun ser jitqassam mill-istores u jippreparahom sabiex jitghabbew fil-vetturi, izda meta r-rikorrent irrimarka li dan ma kienx xogholhom huwa tkecca mill-impieg. Jghid li din it-tkeccija mhix gustifikata u ghalhekk talab li jinghata rimedju ai termini ta' Artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li jigi re-integrat fl-impieg tieghu u li jithallas kumpens. Fl-Istqarrija tieghu, ir-rikorrent

zghid jghid li l-introjtu baziku tieghu kien ta' €178.80 fil-gimgha u li kien ghadu qed ifittex xoghol full-time.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha tat-23 ta' Frar 2010, is-socjeta` intimata rrispondiet li r-rikorrent kien beda jahdem ma' l-istess socjeta` fil-21 t'April 2008 bhala Van Sales Representative, u sa mill-bidu ta' l-impieg tieghu ir-rikorrent beda jikkawza diversi problemi u danni lis-socjeta` intimata; il-management tal-kumpanija intimata innutaw li r-rikorrent kien anke kkommetta misapproprjazzjoni ta' fondi, haga li ammettiha r-rikorrent stess u l-materja giet sorvolata; ta' dan huwa tnizzel ghal Delivery Person; hawnhekk ir-rikorent kien rinomat li ma josservax ir-regolamenti tas-sahha u safety; minhabba ristrutturazzjoni id-delivery persons bdew jitqabbdu jaghmlu xoghol ta' picker biex b'hekk ikunu responsabbli ghall-prodotti li jkunu ser iqassmu; ir-rikorrent kien l-uniku haddiem li rrifjuta li jaghmel dan ix-xoghol minhabba li ma kienx jaqa' fil-job-description tieghu; Franco Busuttil kien qallu li dak kien l-uniku xoghol li seta' joffrilu, u r-rikorent kompla jirrifjuta li jaghmlu u ddecieda li jieqaf mix-xoghol u jitlaq.

PRELIMINARI

Fil-fazi inizjali ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal heggeg lill-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi minhabba d-diversi xhieda prodotti li tressqu fuq numru ta' seduti.

IL-PROVI

Is-socjeta` intimata ressqet lil Head of Operations Anton Dalli li spjega kif fis-sajf ta' wara li gie impjegat ir-rikorrent, igifieri tal-2008, id-dipartiment ta' l-

accounts induna li r-rikorrent kien qed izomm ghandu hafna mill-hlasijiet li jaghmlu mieghu il-klienti, imbaghad tali hlasijiet iqassamhom kif jidhirlu hu, bil-konsegwenza li certi hlasijiet ma kienu qed jiddahhlu qatt fl-accounts rispettivi tal-klienti. Sa Dicembru 2008 l-ammont ta' flus li r-rikorrent zamm ghalih kien ilahhaq il- €5,597: huwa gie affacjat mill-istess xhud u mill-Financial Controller Nathalie Xerri u ammetta li kien qed jaghmel dan. Ghalhekk fl-10 ta' Dicembru 2008 huwa ffirma stqarrija fejn ammetta li bl-imgieba tieghu huwa kellu jikkompensa lill-kumpanija intimata €5,597 u dan billi jinqatghulu €290 fix-xahar mill-paga tieghu. Biex ir-rikorrent ma jergax ikollu x'jaqsam ma' flus, l-impieg tieghu inbidel ghal wiehed ta' delivery-man. Imbaghad f'Mejju 2009 inhariglu warning li jigbor twissijiet rigwardanti tliet incidenti separati li allegatament kkawzaw hsara lir-relazzjoni tal-kumpanija mal-klienti: wiehed fejn xkora dqiq ittiehded fil-hanut tal-May Pole flok fil-forn, iehor fejn ma riedx jistenna wara min imissu biex iqassam xoghol tac-Chef Choice, u iehor fejn wera lil klient invoices u prezzijiet ta' klient iehor. Dan ix-xhud jghid li kien hemm twissijiet verbali wkoll, bhal meta kien hu stess li kien jinnota lir-rikorrent ma jidholx ghax-xoghol fil-hin, ghax jidhol xi nofs siegha jew tliet kwarti tard. Jghid li jiftakar tal-inqas 10 okkazjonijiet li din grat, u bhala mizura dawn jitnaqqsu mill-leave.

Imbaghad dwar l-incident li wassal ghat-tkeccija, dan ix-xhud jispjega kif il-kumpanija kienet qed issib hafna merkanzija nieqsa sa ma titqassam: id-delivery-persons kienu qed jghidu li l-pickers ma kienux qed jghabbulhom ix-xoghol kollu, mentri l-pickers kienu qed jghidu li huma jghabbu x-xoghol kollu u l-merkanzija tisparixxi wara. Ghalhekk il-kumpanija ppruvat is-sistema li d-delivery persons igibu l-merkanzija huma stess u jghabbuha, biex b'hekk huma jkunu responsabbli ghall-merkanzija sa minn meta tohrog mill-istores. Meta kienu ghadhom fl-ewwel jum bi prova ta' din is-sistema, ir-rikorrent beda jirrifjuta li jigbor il-merkanzija: qala' argument mad-Direttur Franco Busuttil sa ma wasal fil-punt li qal li dak ix-xoghol ma kienx ser jaghmlu u telaq 'il barra. Il-kumpanija hadet din l-attitudni bhala rizenja mill-impieg, imma l-ghada cemplu tal-Union u qalulhom li din kellha titqies bhala tkeccija. Ix-xhud jghid li ghalihom ma kinitx qed taghmel differenza jekk it-terminazzjoni kinitx

rizenja jew tkeccija, imma issa qed jifhem li kellha tkun tkeccija biex ikun jista' jingieb kaz fit-Tibunal.

Id-Direttur Franco Busuttil xhed li originarjament ma kellux ilmenti mir-rikorrent, u meta nstab il-kaz ta' misapproprijazzjoni ta' flus hass li l-impjegat ma kellux jitkecca, imma kellu jinghata opportunita` ohra; b'dan il-mod il-kumpanija setghet anke tithallas lura dak li ttehdilha. Jghid li kien mehtieg li d-delivery-persons jiccekkjaw il-merkanzija qabel ma titghabba fuq il-van taghhom sabiex ma jkunux jistghu jilmentaw li l-pickers m'ghaddewlhomx ix-xoghol kollu, u meta bdiet din is-sistema l-ewwel gurnata, id-delivery-persons bdew jaqilghu xi protesti. Ghalhekk nizel hu ma' Anton Dalli biex jispjega lill-haddiema kollha ghalxiex is-sistema kellha tinbidel. Madankollu, fil-waqt li d-delivery-persons l-ohra accettaw dan, ir-rikorrent beda jipprotesta u ma riedx jaghmel ix-xoghol kif propost ghas-sistema l-gdida, sal-punt li qabad u telaq. In kontroezami dan ix-xhud jikkonferma li anke bhala delivery man ir-rikorrent xorta baqa' jigbor il-flus imhallsa mill-klienti. Bazikament, kull ma inbidel fis-sistema l-gdida kien li d-delivery man jiccekkja kull oggett li l-picker ikun ghabbielu fuq il-van, u jiffirma ghalih. Ix-xhud cahad li r-rikorrent intalab jaghmilha ta' picker ukoll, ta' l-inqas meta imbaghad mar hu stess fl-istores. Jghid li meta r-rikorrent u hu bdew jghajtu, huwa qallu jew jaghmel ix-xoghol li qed jinghata jew jitlaq 'il barra, u r-rikorrent ghazel li jitlaq 'il barra u hajjar lill-haddiema l-ohra jaghmlu bhalu, izda hu biss telaq.

Jonathan Ferris, logistics manager mal-kumpanija intimata, jixhed li kellu relazzjoni tajba hafna mar-rikorrent, izda dejjem kien jilmentalu mill-fatt li suppost irid jilbes is-safety-shoes, mentri r-rikorrent xorta baqa' jigi ghax-xoghol bi sports shoes. Jghid li minkejja li l-kumpanija kienet tirrikjedi ilbies rakkomandabbli ghall-health and safety, u huwa kemm-il darba gibed l-attenzjoni tar-rikorrent ghal dan, ir-rikorrent xorta baqa' jigi bla safety shoes. Jghid li anke kien jitlob lil haddiema ma jigux ghax-xoghol bil-flokkijiet tac-cingi (bla kmiem), imma r-rikorrent xorta kien jigi liebes hekk. Jghid li meta darba qal lir-rikorrent li dalwaqt idahhluha parti mid-dress-code li ma jintlibsux

flokkijiet bla komma, ir-rikorrent qallu li “l-anqas jekk tghid x’tghid ghax jien bis-sleeveless nigi.” Dan ix-xhud esebixxa prospett b’numru kbir ta’ okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent dahal tard (wara s-7:00 ta’ fil-ghodu). Imbaghad dwar l-incident tat-tkeccija, dan ix-xhud jispjega kif huwa kien hareg bl-idea ta’ din is-sistema l-gdida, izda malli kienu ser jibdewha r-rikorrent beda jilmenta li ma jridx jghabbi l-merkanzija ghal gol-van tieghu. Hawnhekk ir-rikorrent beda jghajjat u jkun arroganti u meta gew is-sur Busuttil u s-sur Dalli beda jghajjat ma’ Busuttil ukoll. Dan ix-xhud jghid li d-delivery persons issa kienu mistennija jigbru l-merkanzija li jkunu ppreparawlhom il-pickers, jiccekkjawha u jghabbuha fuq il-van taghhom; pero l-irfiegh tal-merkanzija mic-chamber tal-istores ghal hdejn il-vannijet xorta jsir minn nies ohrajn bil-fork-lifters. Xoghol id-delivery person issa sar li l-oggetti migjuba hdejn il-van tieghu jghabbihom gol-van skond kif jidhirlu l-ahjar skond ir-rotta li jkun ser jaqbad biex iqassam. Dan ix-xhud jghid li d-delivery men kienu jkunu xoghol sat-3:00pm, imma fil-fatt jidhlu lura qabel u joqoghdu jistennew il-hin isir. Issa, bis-sistema l-gdida meta jidhlu lura mid-deliveries bdew imorru jiccekkjaw il-merkanzija u jghabbuha fuq il-van biex tkun lesta ghall-ghada. Jghid li l-haddiema saru jafu bis-sistema l-gdida dakinhar stess li ddahhlet.

Jesmond Ciantar xhed li meta tkecca r-rikorrent hu kien delivery man ukoll, imma llum huwa sales representative. Jghid li bis-sistema l-antika d-delivery men kienu jsibu l-merkanzija tal-gurnata gia migbura, la kemm jghabbuha fuq il-van biss, mentri bis-sistema l-gdida l-merkanzija tkun go Chamber, imbaghad id-delivery men imorru jghazlu u jiccekkjaw l-oggeti u jiffirmaw ghalihom. Jghid li d-delivery men kollha ddejqu bis-sistema l-gdida ghax ix-xoghol zdidilhom ftit. Sema’ lir-rikorrent jghid li ma jridx jaghmel ix-xoghol li tqabbad jaghmel u lis-sur Busuttil jghidlu li jekk ma jridx jahdem jista’ jitlaq. Jghid li din is-sistema l-gdida kienet tajba biex ma tonqosx merkanzija, imma wara xi erbat ijiem is-sistema l-gdida twaqqfet; jispjega li bis-sistema l-gdida xorta kienu l-hin kollu jsibu li l-pickers ikunu gabulhom merkanzija nieqsa, u allura l-kumpanija qabbdet nies ohrajn biex jiccekkjaw ix-xoghol tal-pickers qabel ma l-merkanzija tigi ppreparata fuq pellet bil-lest ghal kull delivery man.

Biss id-delivery men xorta baqghu jiffirmaw ghall-oggetti li jghabbu fil-van taghhom: sta ghad-delivery men jekk ikunux iridu jiccekkjaw li ghandhom kollox qabel ma jiffirmaw id-dokument relattiv u jghabbu l-merkanzija fil-van.

Is-sales manager Jonathan Felter xhed li huwa kien responsabbli mis-sales reps, u mhux mid-delivery men, izda jispjega kif kellu jwiddeb lir-rikorrent f'zewg okkazzjonjiet partikolari meta l-klienti qajmu ilmenti mieghu: l-ewwel kaz kien ta' meta r-rikorrent ma setax isib l-indirizz ta' wiehed mill-klienti u meta mar biex jistaqsi dwaru ma' klient iehor urih l-invoice tal-klient li kien qed ifittex, b'dan li holoq dizgwid ma' dan it-tieni klient peress li l-kumpanija kienet tuza prezzijiet differenti skond il-klient; it-tieni kaz kien ta' meta ha xkora tqila tad-dqiq f'hanut flok il-fabbrika u meta ntalab jehodha l-fabbrika huwa beda jipprotesta u jidghi mal-klient. Jghid li r-rikorrent ma cahadx li ghamel hekk.

Xehed imbghad ir-Rikorrent li spjega li, fiz-zmien ta' qabel l-incident tat-tkeccija, hu u ohrajn kienu dahlu fil-General Workers Union peress li kien qed ikollhom diversi problemi fuq ix-xoghol, bhal ma kien nuqqas ta' hlas ta' over-time u trucks mhux f'kundizzjoni tajba; huwa kien jirrapprezenta lix-xufiera fil-Union. Jispjega wkoll li fil-jum tat-tkeccija huwa kien mar iqassam ix-xoghol bhas-soltu, u malli wasal lura l-istore-keeper John Cascun qallu li minn dakinhar 'il quddiem il-pickers kienu ser jaqilghu il-pallets mill-ixkafef u flok jaghzlu x-xoghol kollu ghal kull van u jehduh hdejn il-vans (biex jitghabbew mid-delivery-men) kienu ser jehduhom f'parti vojta tal-istores, minn fejn id-delivery-men jaghzlu l-merkanzija li riedu ghalihom skond il-pick-list li jkollhom. Jghid li huwa beda jipprotesta ma' ta' fuqu li dak ix-xoghol ma kellux jaghmlu hu, imma l-pickers: huwa baqa' jghid li ma jridx jaghmel dak ix-xoghol sa ma gie d-direttur Franco Busuttil li qallu li hu ghandu jaghmel skond kif jordnawlu inkella jitlaq. Jghid li meta nsista li dak ix-xoghol ta' gbir ta' merkanzija ma kellhomx jaghmluh ix-xufiera, Franco Busuttil qabad jghajru halliel u qallu biex jitlaq 'il barra. Huwa telaq ghax gie ordanat, mhux ghax irrezenja.

Dwar l-incident tal-flus allegatament misapproprijati jispjega kif fis-sena 2008 kien hemm 4 delivery-men, meta nstabu diversi stocks u flus neqsin. Ma setax jinstab tarf jekk kienx htija taghhom jew tal-pickers, imma wehlu huma. Jghid li d-delivery l-ohra telqu mill-impieg imma hu baqa' hemm u beda jehel ta' kulhadd hu, fis-sens li kull ma jinstab nieqes jehel hu. Jidher li dak iz-zmien ir-Rikorrent ma kkontestax dan, u accetta li jidhol fi ftehim li mill-paga tieghu jitnaqqsulu €290 kull xahar sa ma l-intimata tithallas is-somma li nstabet nieqsa. Jghid li anke wara dan il-ftehim baqa' jkun hemm il-problemi, u allura s-somma li kellha tithallas ftit li xejn bdiet tonqos. Jispjega li ghalkemm hu bhal accetta t-tort, wara kien induna li f'gimgha partikolari fejn instab stock u flus nieqsa huwa kien bil-leave, u r-records li kienu jghajjtu lilu fil-fatt kienu ta' xoghol li kien ghamel is-superjur tieghu Brandon Jackson.

Ir-Rikorrent jghid ukoll li meta kien jinduna b'diskrepanzi kien jilmenta ma' dan Brandon Jackson, li minn naha tieghu kien jghidlu biex ma jinkwetax ghax fl-ahhar mill-ahhar kollox kien ser ikun hemm spjega ghalih. Jghid li meta jitilqu mix-xoghol ihallu l-vans mghobbijin lesti ghall-ghada u l-istore keepers kien ikollhom ic-cwievet tal-vans, u ghalhekk dejjem setghet tonqos merkanzija meta d-deliverymen ma jkunux hemm. Jghid li huwa baqa' jhallas €290 lill-intimata kwazi sena, imbaghad tkecca u ghamel xi tliet xhur ohra jhallas xorta madwar €100 fix-xahar.

Anton Dalli spjega kif fl-2008 l-istock kien jigi ccekkjat qisu darba fil-gimgha, u kienu jinstabu diskrepanzi favur jew kontra d-delivery-men: fil-waqt li d-diskrepanzi taz-zewg delivery-men l-ohra kienu zghar, tar-Rikorrent kienu bl-eluf. Jghid li r-reconciliation bejn l-istock-take u l-invoices issir madwar kull xahrejn jew tlieta. Dan ix-xhud jikkonferma li certu Brandon Jackson kien il-manager tar-rikorrent u li certi stock-discrepancies setghu kienu responsabbilta` tieghu ukoll. Jikkonferma wkoll li dan Brandon Jackson tkecca mill-impieg minhabba li seraq xi flus. Jghid li l-kumpanija ma kellhiex evidenza li huwa seraq stock ukoll, biss jikkonferma li dan Jackson gieli hareg bil-vans tan-nies li kienu jaqghu tahtu. Jghid li l-kwistjoni tad-discrepancies ma kellha x'taqsam

xejn mat-tkeccija mill-impieg tar-Rikorrent, u l-anqas ittiehdet in konsiderazzjoni. Dan ix-xhud jaghti dettalji ta' kif il-kumpanija iddistingwiet bejn id-diskrepanzi li nhoqu fiz-zmien li Brandon Jackson ħa l-van tar-Rikorrent (u kellu jhallas ghalihom hu) u d-diskrepanzi li nholqu fiz-zmien li r-Rikorrent hareg bil-van tieghu hu. Jghid li apparti Brandon Jackson, hadd iktar ma kellu c-cwievet tal-van tar-Rikorrent.

<u>KONSIDERAZZJONJIET</u>

Dan id-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-ahhar xhud jghid li t-tkeccija tar-Rikorrent kienet bazata biss fuq l-arroganza tar-Rikorrent, huwa ferm verosimili li d-direttur keccih meta f'mohhu kellu wkoll il-kwistjoni tad-diskrepanzi. Fil-fatt, il-kumpanija intimata bdiet tressaq il-provi hi l-ewwel u tat dettalji ta' din il-haga minn jeddha. Il-kwistjoni tad-diskrepanzi hija ferm nebuluza partikolarment minhabba l-fatt li l-manager tar-rikorrent, Brandon Jackson, irrizutla li kien qed jisraq u gieli hadem bil-van u l-istock tar-Rikorrent. Ir-Rikorrent accetta li jiffirma ghall-hlas ta' €290 fix-xahar lill-intimata, fatt li juri li r-rikorrent kien jaf li verament zbalja, izda jista' jaghti l-kaz li huwa spicca accetta li jpatti ghal nuqqasijiet li ma kinux ghal kollox tieghu. Di fatti l-kumpanija intimata tilmenta mir-rikorrent u tghid li taghtu xoghol ta' deliverman, meta d-deliveryman xorta jehtieglu jircievi flus minn ghand il-klienti. F'dan il-kuntest dan it-Tribunal jazzarda jghid li anke jekk il-kumpanija intimata ma thallsitx l-ammont kollu miftihem, din il-materja ghandha titqies bhala maghluqa darba ghal dejjem.

Dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk il-kumpanija intimata kinitx gustifikata tkecci lir-rikorrent ghan-nuqqasjijiet l-ohra migjuba, li bazikament huma l-incident ta' meta baghtuh bi xkora dqiq f'post zbaljat u spicca jidghi mal-klient, l-incident ta' meta wera invoice ta' klient lil klient iehor, l-insistenza tar-Rikorrent li jigi ghax-xoghol minghajr is-safety-shoes u bi flokk bla kmiem, u r-regolarita` tad-drabi li dahal ghax-xoghol tard. L-incident tal-ixkora dqiq kien jimmerita warning u mhemmx x'wiehed jiddiskuti. L-incident tal-invoice

jidher li kien nuqqas ta' sensittivita` da parti tar-Rikorrent, imma ma jidhirx li sar b'intenzjoni hazina. Ghall-incidenti ta' meta dahal tard ghax-xoghol jidher li r-rikorrent diga' gie ppenalizzat bi tnaqqis fil-leave jew il-paga, imma certament din mhix kondotta xierqa. Il-kwistjoni tas-safety-shoes u tal-flokk bla kmiem juru arroganza da parti tar-Rikorrent; din l-arroganza harget ukoll fl-incident tat-tkeccija in kwantu jekk ir-Rikorrent ma qabilx mas-sistema l-gdida, huwa seta pprotesta minghajr il-htiega li jispicca jghajjat mas-superjuri tieghu. Huwa veru li kien qed jitkellem ukoll f'isem shabu, izda ma jirrizultax li fl-impieg taghhom id-delivery-men kellhom xi job-description li kienet tipprekludihom milli jaghmlu xi xoghol iehor addizzjonali mat-tqassim tal-merkanzija. Il-kumpanija intimata kienet ghadha qed tesperimenta kif l-ahjar isir ix-xoghol biex ma tibqax issofri telf ta' merkanzija, u ghalhekk ir-rikorrent ma kienx gustifikat jirvilla mill-ewwel gurnata.

Ghalkemm ir-rapprezentanti tal-kumpanija intimata jghidu li huma kkunsidraw lir-Rikorrent li telaq mill-impieg, meta l-ghada huma intalbu jikkunsidraw it-terminazzjoni bhala tkeccija huma ma kellhomx oggezzjoni, u fil-fatt jidher li l-kumpanija intimata kienet kuntenta tkecci lill-intimat. Ghalhekk dan it-Tribunal qed iqis it-terminazzjoni tal-impieg bhala tkeccija, mhux rizenja.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti ma kinitx gustifikata bir-raguni migjuba fil-ħin tat-tkeccija ( u cioe` li r-Rikorrent kien seraq lill-kumpanija intimata) imma gustifikata bil-fatt li f'diversi okkazjonijiet ir-Rikorrent gab ruhu bl-aktar mod arroganti u insabordinanti mas-superjuri tieghu. Dan it-Tribunal qieghed jiccensura lill-kumpanija intimata biss ghall-mod degradanti li bih tkecca r-Rikorrent, u jordna li ghal din ir-raguni l-kumpanija intimata thallas lir-Rikorrent somma nominali ta' hames mitt Euro (€500.00) sa zmien erbghin gurnata mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti

drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00).   B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**

Chairman